**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 19 ta' Mejju 2021**

**Talba Nru: 15/21 CZ**

**Trudy Kerr**
**vs.**

**EKJ Promotions (C-66605)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-attrici mressqa fit-3 ta' Jannar 2021 li biha premettiet:

L-attrici kienet taghmel zewg xoghlijiet mas-socjeta' konvenuta u cioe'

a) Fis-Sales and Marketing Dept [sic] u
b) Radio Deejay

L-attrici ma thallsitx skond kif miftiehem u maqbul mas-socjeta' konvenuta, ghal xahrejn commissions minkejja li ntlahqu *targets* u dan jammonta ghal elfejn Euro (€2,000).

Minbarra dan, l-attrici ma thallstix ghas-servizzi ta' deejay bejn Mejju 2020 u Lulju 2020 u hija dovuta l-ammont ta' tlett'elef Euro (€3,000).

Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex thallas pero' baqghet ma hallsitx l-ammonti dovuti.

Ra li l-entita' konvenuta, debitament notifikata, ma pprezentatx risposta u lanqas deher l-ebda rapprezentant taghha quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attrici fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2021.

Ikkunsidra l-fatt illi rapprezentant mill-entita' konvenuta naqas li jidher sabiex jirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-entita' konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' hamest'elef Euro (€5,000), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-kawza sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet ghandhom jithallsu mill-entita' konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Susanna Fenech

Deputat Registratur